



Kunsill  
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Ottubru 2024  
(OR. en)

13406/24

LIMITE

CORLX 891  
CFSP/PESC 1293  
RELEX 1114  
COAFR 316  
CONUN 182  
COARM 185  
FIN 790

#### **ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett:           REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-  
Regolament (KE) Nru 1183/2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-  
sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo

---

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/...**

**ta' ...**

**li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1183/2005 dwar miżuri restrittivi  
fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1183/2005 tat-18 ta' Lulju 2005 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fir-Repubblika Demokratika tal-Kongo<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

---

<sup>1</sup> ĠU L 193, 23.7.2005, p. 1.

Billi:

- (1) Fit-18 ta' Lulju 2005, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 1183/2005.
- (2) Wara s-sentenzi tal-Qorti Ġenerali fil-Kawżi T-88/23 u T-89/23, jenħtieġ li jitħassru żewġ entrati mil-lista ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, entitajiet u korpi li tinsab fl-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005.
- (3) Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 huwa emendat kif jinsab fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi..., ...

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---

## ANNEX

Fl-Anness Ia tar-Regolament (KE) Nru 1183/2005 (“LISTA TA’ PERSUNI FIŻIĊI JEW ĠURIDIĊI, ENTITAJIET U KORPI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2b”), l-entrati għall-persuni li għejjin jitħassru mil-lista li tinsab fit-Taqsima A (“Persuni”):

- “5. Evariste BOSHAB;
  6. Alex Kande MUPOMPA.”
-